Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2026/2395

26.10.2026

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2026/2395

tat-22 ta' Ottubru 2026

li temenda l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/2447 li tikkonċerna ċerti miżuri ta' emerġenza marbuta ma' tifqigħat ta' influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja f'ċerti Stati Membri

(notifikata bid-dokument C(2026) 7673)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali") ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 259(1) tiegħu,

Billi:

(1) L-influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja (HPAI) hija marda virali infettiva fl-għasafar li tista' tħalli impatt serju fuq il-profittabbiltà tat-trobbija tal-pollam, u dan jikkawża tfixkil fil-kummerċ fl-Unjoni u fl-esportazzjonijiet lejn il-pajjiżi terzi. Il-preżenza tal-viruses tal-HPAI fl-għasafar selvaġġi hija theddida kontinwa għall-introduzzjoni diretta u indiretta ta' dawn il-viruses fl-istabbilimenti fejn jinżammu l-pollam jew l-għasafar miżmuma fil-magħluq, b'mod partikolari matul il-migrazzjonijiet tal-ħarifa u tar-rebbiegħa tal-għasafar migratorji meta dawn l-għasafar ikunu jistgħu jxerrdu dawn il-viruses fuq distanzi twal. Fil-każ ta' tifqigħa tal-HPAI fl-istabbilimenti fejn jinżammu l-pollam jew l-għasafar miżmuma fil-magħluq, hemm riskju li l-aġent tal-marda jinxtered fi stabbilimenti oħra bħal dawn.

(2) Ir-Regolament (UE) 2016/429 jistabbilixxi l-qafas leġiżlattiv għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard trażmissibbli lill-annimali jew lill-bnedmin. L-HPAI taqa' fid-definizzjoni ta' marda elenkata f'dak ir-Regolament, u hija soġġetta għar-regoli għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard stabbiliti fih. Barra minn hekk, ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/687 ([2]) jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 fir-rigward tar-regoli għall-prevenzjoni u l-kontroll ta' ċertu mard elenkat, fosthom l-HPAI. B'mod partikolari, l-Artikolu 21 ta' dak ir-Regolament Delegat jipprevedi li f'każ ta' tifqigħa ta' marda tal-kategorija A fi stabbiliment, l-awtorità kompetenti trid tistabbilixxi minnufih żona ristretta li tinkludi żona ta' protezzjoni, żona ta' sorveljanza u, jekk ikun meħtieġ, żoni ristretti ulterjuri.

(3) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/2447 ([3]) ġiet adottata abbażi tar-Regolament (UE) 2016/429, u tistabbilixxi miżuri ta' emerġenza fil-livell tal-Unjoni b'rabta mat-tifqigħat tal-HPAI.

(4) B'mod partikolari, l-Artikoli 2, 3 u 4 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/2447 jipprevedu li wara tifqigħat tal-HPAI, iż-żoni ta' protezzjoni, iż-żoni ta' sorveljanza u ż-żoni ristretti ulterjuri li jridu jiġu stabbiliti f'konformità mar-Regolament Delegat (UE) 2020/687 iridu jkunu jinkludu mqar iż-żoni elenkati bħala żoni ta' protezzjoni, żoni ta' sorveljanza u żoni ristretti ulterjuri fl-Anness ta' dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni, u l-miżuri li għandhom jiġu applikati f'dawk iż-żoni, f'konformità ma' dak ir-Regolament Delegat, iridu jinżammu mqar sad-dati stabbiliti f'dak l-Anness.

([1]) ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/429/oj.

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/687 tas-17 ta' Diċembru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għall-prevenzjoni u l-kontroll ta' ċertu mard elenkat (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 64, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2020/687/oj).

([3]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/2447 tal-24 ta' Ottubru 2023 li tikkonċerna ċerti miżuri protettivi marbuta ma' tifqigħat tal-influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja f'ċerti Stati Membri (ĠU L, 2023/2447, 30.10.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2023/2447/oj).

(5) L-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/2447 ġie emendat l-aħħar bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2026/2295 ([4]) wara tifqigħat tal-HPAI fil-Belġju u fil-Bulgarija fi stabbiliment fejn kienu jinżammu l-pollam jew l-għasafar miżmuma fil-magħluq.

(6) Mid-data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2026/2295, il-Bulgarija nnotifikat lill-Kummissjoni b'tifqigħa ġdida tal-HPAI fi stabbiliment fejn kien jinżamm il-pollam, fir-reġjun ta' Stara Zagora fil-Bulgarija.

(7) Wara dik it-tifqigħa riċenti, il-Bulgarija ħadet il-miżuri għall-kontroll tal-mard meħtieġa f'konformità mar-Regolament Delegat (UE) 2020/687, inkluż l-istabbiliment ta' żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza madwar it-tifqigħa.

(8) Il-Kummissjoni eżaminat il-miżuri għall-kontroll tal-mard li ħadet il-Bulgarija, u hija sodisfatta li l-konfini taż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza stabbiliti wara dik it-tifqigħa riċenti tal-HPAI f'dak l-Istat Membru jinsabu 'l bogħod biżżejjed mill-istabbiliment fejn ġiet ikkonfermata t-tifqigħa.

(9) Barra minn hekk, il-Bulgarija infurmat lill-Kummissjoni li t-tindif u d-diżinfettar fl-istabbiliment affettwat mit-tifqigħat BG-HPAI(P)-2026-00011, BG-HPAI(P)-2026-00012 u BG-HPAI(P)-2026-00013, li jinsab fir-reġjun ta' Plovdiv, se jitlestew aktar tard milli mistenni. Għalhekk, id-durata taż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza stabbiliti għal dawk it-tifqigħat mill-Bulgarija, elenkati fl-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/2447, jeħtieġ tiġi estiża, f'konformità mal-Artikoli 39 u 55 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/687.

(10) Sabiex jiġi evitat kull tfixkil bla bżonn fil-kummerċ fl-Unjoni u biex tiġi evitata kull impożizzjoni ta' ostakoli mhux ġustifikati għall-kummerċ min-naħa tal-pajjiżi terzi, jeħtieġ jiġu stabbiliti malajr fil-livell tal-Unjoni, b'kollaborazzjoni mal-Bulgarija, iż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza stabbiliti minn dak l-Istat Membru f'konformità mar-Regolament Delegat (UE) 2020/687.

(11) Għalhekk, jenħtieġ li jiġu emendati ż-żoni elenkati bħala żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza għall-Bulgarija fl-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/2447, biex jitqiesu l-konfini taż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza stabbiliti minn dak l-Istat Membru wara t-tifqigħa l-ġdida tal-HPAI fih, kif ukoll id-durata meħtieġa tal-miżuri li jridu jiġu applikati f'dawk iż-żoni, f'konformità mar-Regolament Delegat (UE) 2020/687.

(12) Barra minn hekk, id-dati sa meta jridu jibqgħu japplikaw il-miżuri fiż-żoni ta' protezzjoni u ta' sorveljanza stabbiliti mill-Bulgarija għat-tifqigħat BG-HPAI(P)-2026-00011, BG-HPAI(P)-2026-00012 u BG-HPAI(P)-2026-00013, elenkati fl-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/2447, jenħtieġ li jiġu emendati biex titqies id-durata estiża tar-restrizzjonijiet.

(13) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/2447 tiġi emendata kif xieraq.

(14) Minħabba l-urġenza tas-sitwazzjoni epidemjoloġika fl-Unjoni fir-rigward tat-tixrid tal-HPAI, importanti li l-emendi tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/2447 li jridu isiru b'din id-Deċiżjoni jsiru effettivi kemm jista' jkun malajr.

(15) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/2447 huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

([4]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2026/2295 tad-9 ta' Ottubru 2026 li temenda l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/2447 li tikkonċerna ċerti miżuri ta' emerġenza marbuta ma' tifqigħat ta' influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja f'ċerti Stati Membri (ĠU L, 2026/2295, 13.10.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2026/2295/oj).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Ottubru 2026.

Għall-Kummissjoni
Olivér VÁRHELYI
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

"ANNESS

Parti A

Żoni ta' protezzjoni msemmija fl-Artikolu 1, il-punt (a), u fl-Artikolu 2:

Stat Membru: Il-Belġju

Numru ta' referenza tal-ADIS tat-tifqigħa	Żona li tinkludi:	Data sa meta applikabbli
BE-HPAI(NON-P)-2026-00149	Those parts of the municipalities Bilzen-Hoeselt, Hasselt and Tongeren-Borgloon contained within a circle of a radius of 3 kilometers, centered on WGS84 dec. coordinates long 5.427229 lat 50.805675.	24.10.2026
BE-HPAI(NON-P)-2026-00150	Those parts of the municipalities Balen and Mol contained within a circle of a radius of 3 kilometers, centered on WGS84 dec. coordinates long 5.14 lat 51.17.	28.10.2026

Stat Membru: il-Bulgarija

Numru ta' referenza tal-ADIS tat-tifqigħa	Żona li tinkludi:	Data sa meta applikabbli
	Ir-reġjun ta' Plovdiv	
BG-HPAI(P)-2026-00011	The following village in Rakovski municipality: — Rakovski	3.11.2026
BG-HPAI(P)-2026-00012	The following village in Rakovski municipality: — Momino selo The following village in Kaloyanovo municipality: — Glavatar	16.11.2026
BG-HPAI(P)-2026-00013	The following settlements in Maritsa municipality: — Trilistnik — Rogosh	20.11.2026
	Ir-reġjun ta' Stara Zagora	
BG-HPAI(P)-2026-00014	The following settlements in Stara Zagora municipality: — Elenino — Hristiyanovo	21.11.2026

Parti B

Żoni ta' sorveljanza msemmija fl-Artikolu 1, il-punt (a), u fl-Artikolu 3:

Stat Membru: Il-Belġju

Numru ta' referenza tal-ADIS tat-tifqigħa	Żona li tinkludi:	Data sa meta applikabbli
BE-HPAI(NON-P)-2026-00149	Those parts of the municipalities Alken, Awans, Bassenge, Bilzen-Hoeselt, Crisnée, Diepenbeek, Hasselt, Heers, Herstappe, Juprelle, Oreye, Riemst, Tongeren-Borgloon and Wellen contained within a circle of a radius of 10 kilometres, centered on WGS84 dec. coordinates long 5.427229lat 50.805675.	2.11.2026
	Those parts of the municipalities Bilzen-Hoeselt, Hasselt and Tongeren-Borgloon contained within a circle of a radius of 3 kilometers, centered on WGS84 dec. coordinates long 5.427229 lat 50.805675.	25.10.2026 – 2.11.2026

Numru ta' referenza tal-ADIS tat-tifqigħa	Żona li tinkludi:	Data sa meta applikabbli
BE-HPAI(NON-P)-2026-00150	Those parts of the municipalities Balen, Beringen, Dessel, Geel, Hechtel-Eksel, Laakdal, Leopoldsburg, Lommel, Meerhout, Mol, Retie and Tessenderlo-Ham contained within a circle of a radius of 10 kilometres, centered on WGS84 dec. coordinates long 5.14 lat 51.17.	6.11.2026
	Those parts of the municipalities Balen and Mol contained within a circle of a radius of 3 kilometers, centered on WGS84 dec. coordinates long 5.14 lat 51.17.	29.10.2026 – 6.11.2026

Stat Membru: il-Bulgarija

Numru ta' referenza tal-ADIS tat-tifqigħa	Żona li tinkludi:	Data sa meta applikabbli
	Ir-reġjun ta' Plovdiv	
BG-HPAI(P)-2026-00011	The following villages in Rakovski municipality: — Shishmantsi — Bolyarino — Momino selo — Strayama The following villages in Maritsa municipality: — Manolsko Konare — Yasno pole The following villages in Brezovo municipality: — Padarsko — Borets — Otets Kirilovo — Drangovo The following village in Kaloyanovo municipality: — Glavatar	12.11.2026
	The following village in Rakovski municipality: — Rakovski	4.11.2026 – 12.11.2026
BG-HPAI(P)-2026-00012	The following villages in Rakovski municipality — Rakovski — Strayama The following villages in Maritsa municipality — Yasno pole — Dink — Kalekovets — Krislovo The following villages in Brezovo municipality — Padarsko — Borets — Otets Kirilovo — Streltsi The following villages in Kaloyanovo municipality — Razhevo — Razhevo Konare — Dalgo pole	25.11.2026
	The following village in Rakovski municipality: — Momino selo The following village in Kaloyanovo municipality: — Glavatar	17.11.2026 – 25.11.2026

Numru ta' referenza tal-ADIS tat-tifqigħa	Żona li tinkludi:	Data sa meta applikabbli
BG-HPAI(P)-2026-00013	The following settlements in Maritsa municipality: — Voivodinovo — Dink — Krislovo — Kalekovets — Zhelyazno — Yasno pole — Manolsko Konare — Manole — Skutare The following settlements in Plovdiv municipality: — Plovdiv The following settlements in Rakovski municipality: — Rakovski; — Stryama — Shishmantsi The following settlements in Sadovo municipality: — Sadovo	29.11.2026
	The following settlements in Maritsa municipality: — Trilistnik — Rogosh	21.11.2026 – 29.11.2026
	Ir-reġjun ta' Stara Zagora	
BG-HPAI(P)-2026-00014	The following settlements in Stara Zagora municipality: — Stara Zagora — Mogila — Malko Kadievo — Madzherito — Zagore — Pamukchi — Badeshte — Petrovo — Kaloyanovets — Arnautito — Rakitnitsa — Kirilovo — Bogomilovo — Lyaskovo — Malka Vereya The following settlement in Radnevo municipality: — Kolarovo	30.11.2026
	The following settlements in Stara Zagora municipality: — Elenino — Hristiyanovo	22.11.2026 – 30.11.2026

Parti C

Żoni ristretti ulterjuri msemmija fl-Artikolu 1, il-punt (b), u fl-Artikolu 4:

Stat Membru: l-ebda

Żona li tinkludi:	Data sa meta applikabbli”